**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Jurgen Agius**

**Illum 16 ta' Dicembru 2024**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra:

**Jurgen Agius, bin George u Diona Ellul, m/Pieta', fi 03/10/1994, ta' Binja San Klement, Flt 8, Triq Guze Abela, Zejtun ID 435694M.**

Akkuzat talli bejn Settembru 2022 u Marzu 2023, waqt li kien gewwa dawn il-gzejjer Maltin:

1. Xjentament ilqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra

minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom.[1]

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset il-provi u dokumenti kollha prodotti.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difiza.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**
**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan hu kaz li jirrigwarda allegat xiri ta' mobile misruq bejn Settembru 2022 u Marzu 2023 mill-imputat odjern, mobile li effettivament kien insteraq, flimkien ma' hwejjeg ohra nhar il-15 ta' Settembru 2022 mis-suq ta' Birzebbugia lil certa Tatjana Miloradovic, li qatt ma telghet tixhed f'dawn il-proceduri.[2]

**Ikkunsidrat:**
**Provi:**

Xehed **PS 133 J. C. Mangion** fejn spjega li gie infurmat bir-rapport 5/ZTN/475/2022 fejn certa Tatjana kienet sfat misruqa u fost oggetti ohra kien insterqilha mobile Samsung A 32. Jghid li huwa talab l-informazzjoni minn ghand Go, Melita u Epic.

---

[1] Folio 1 tal-process.

[2] Dok. DC 4 tal-process.

Melita irrispondew li l-mobile in kwistjoni kien qed jintuza minn cellular 79308096 li jghajjat lill-imputat.

Fl-10 ta' Marzu 2023 l-imputat gie mitkellem wara li gie imwissi skond il-ligi u qal li l-mobile kien xtrah minn fuq l-idejn minghand persuna barranija li ma jafx x'jismu u hallsu bejn 230 u 240 Ewro (€230 - €240). Jghid li kien iltaqa' mieghu x-Xaghjra u kien minghajr cover u tah charger li jaqbel mieghu u li min bieghulu kien xeghlu quddiemu u kien jahdem.

Il-mobile gie elevat u ftit wara inghata lill-sidu.[3]

Xehed **PC 765 P. Vella Cassia** fejn qal li hu ha r-rapport tad-derubata u li hija ma kellha suspett f'hadd.[4]

Xehed **Christian Joseph Bartolo** permezz ta' affidavit ghan-nom ta' Melita plc. li esebixxa l-informazzjoni fuq il-mobile *de quo* ghal perjodu relattiv ghall-akkuza.[5]

**Ikkunsidrat:**

L-artikolu relevanti ghal din il-vertenza huwa s-segwenti:

*334. Kull min f'Malta* ***xjentement*** *jilqa' għandu jew jixtri ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir*

[3] Folio 2 tal-process.

[4] Folio 4 tal-process.

[5] Folio 8 tal-process.

*f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, jeħel, meta jinsab ħati –*
*(a) jekk il-ħaġa tkun ġejja minn serq, bil-pieni tas-serq, skont il-valur tal-ħaġa*[6].

**Ikkunsidrat:**

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Alfred Brown** (App. Nru. 352/2014) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali per l-Onorevoli Imhallef Michael Mallia nhar id-29 ta' Jannar 2015 gie ikkonfermat is-segwenti:

'***Jinghad mill-bidu nett illi l-ewwel Qorti ghamlet enuncazzjoni korretta tal-elementi tar-reat ta' ricettazzjoni u s-sentenzi minnha ikkwotati kollha jirreferu ghal studju magisterjali maghmul mill-mibki Imhallef William Harding fil-ktieb tieghu "Recent Criminal Cases Annotated" fejn f'sentenza Pulizija versus Joseph Bugelli u ohrajn tal-24 ta' Jannar 1942 jinghad: "Three conditions are essential, that is, (a) that, previously, there has been the commission of an offence against property, (b) that the accused has received, or purchased, or, in any manner, taken part in the selling or disposing of the stolen property, and (c) that the accused be aware of the unlawful origin of the goods." Dan l-ahhar element, dak tax-xjenza jew "awareness" kien soggett ta' diversi interpretazzjonijiet mis-sentenzi taghna u dejjem qiesu illi s-suspett biss illi l-oggett seta' kellu provenjenza illecita ma kienx bizzejjed biex jissodisfa din in-natura ta' "awareness" kif trid il-ligi. Hekk qalet, per ezempju, il-kawza Pulizija kontra Carmel Debono deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ewwel (1) ta' Novembru elf disa' mija sitta u disghin (1996): "biex persuna tinstab hatja ta' ricetazzjoni trid tkun taf li l-oggett illi qed tircievi jew li qieghed jindahal biex jinbiegh jew tmexxi hu ta' provenjenza***

[6] Enfazi tal-Qorti

***illecita. Mhux bizzejjed li bhala fatt l-oggett ikun insteraq lil haddiehor; hemm bzonn li jkun hemm ix-xjenza tal-agent dwar dik il-provenjenza illecita." Dan gie spjegat ahjar fil-kawza Pulizija versus George Schembri, Qorti tal-Appell 30 ta' April 1992 "... min jakkwista oggett f'cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u intant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla din il-provenjenza huwa hati ta' ricettazzjoni."***[7]

**Ikkunsidrat:**

Illi d-difiza tikkontendi principarjament li l-imputat ma kellux ix-xjenza li dak il-mobile li xtara kien misruq ghax il-prezz li bih xtrah kien wiehed ragonevoli fic-cirkustanzi.

Il-Qorti bla tlaqliet tghid li d-difiza ghandha ragun u li l-investigazzjonijiet tal-pulizija saru b'mod superficjali! Dan ghaliex il-valur tal-oggett bl-ebda mod ma gie ippruvat mill-prosekuzzjoni u kieku biss kellu jittiehed in konsiderazzjoni l-valur li hemm fuq it-tieni pagna ta' Dok 4, ossija l-valur ta' tlett mija u ghoxrin Ewro (€320), meta ikkomparat mal-valur ta' circa mitejn u hamsin Ewro (€250) liema ammont l-imputat sostna mal-investigatur li kien il-prezz li huwa hallas ghall-mobile, allura wiehed ma jistax jghid li kien hemm dik id-diskrepanza li wiehed seta' jissuspetta li l-oggett kien gej minn attivita' kriminali.

Jidher ukoll li min allegatament bieghlu l-oggett gab ukoll mieghu charger, li sahhah il-konvinzjoni tal-imputat li l-provenjenza tal-istess oggett kienet wahda mhux suspettuza. Din l-asserzjoni ma gietx investigata u wisq anqas b'xi mod ribattuta mill-prosekuzzjoni.

---

[7] Pagna 4 u 5 tas-sentenza.

Ghaldaqstant, l-Qorti tqis illi wiehed mill-elementi sabiex jigi pruvat ir-reat tar-ricettazzjoni u cioe x-xjenza fl-agent ma giex pruvat mill-prosekuzzjoni u huwa nieqes f'dawn ic-cirkostanzi.

Konsegwentament, il-Qorti ma hix konvinta li tista' issib htija meta wiehed jara b'mod oggettiv l-provi migbura fl-atti.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat **JURGEN AGIUS MHUX HATI** tal-akkuza migjuba kontra tieghu u qed tilliberah minn kull htija u piena.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-partijiet u li din is-sentenza tittella' minnufih fuq is-sit online tal-Agenzija tas-Servizzi tal-Qrati.

Moghtija illum 16 ta' Dicembru 2024 fil-bini tal-Qorti, f'Malta.

Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.
Magistrat

Annalise Mifsud
Deputat Registratur